**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 12/K7/13**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 26/02/'13 295**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 26/02/'13 350**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Frar 2013

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsillier Alex Grech
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Assenti: Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli.

1.05 Kienu preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill, Ms Johanna Caruana u il-Perit Stephen Farrugia.

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-20 ta' Frar 2013. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Dicembru 2012
4. Aġġornament – Upgrading of Open Areas within Housing Estate (Titjib ta' Żoni Esterni f'Housing Estate) ta' Ta' Ġiorni, San Ġiljan.
5. Proġett – It-tieni fażi tal-aċċessibilita' aħjar in-naħa tal-moll fl-inħawi tal-Lukanda Cavallieri
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 11/K7/13 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 11/K7/13.

1.3.03 Il-Kunsillier Alex Grech issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4 Minuti - Kumitat Amministrattiv**

1.4.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 26/KA1/13 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A').

1.4.02 Ic-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi items 3 u 5 qabel item 2 u 4.

1.4.03 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2012**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Dicembru 2012 (Ara Apprndiċi 'B').

3.02 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli u l-Kunsillier Anthony Grech waslu fis-2.20p.m.

3.03 L-Accountant tal-Kunsill Ms. Johanna Caruana tat spjegazzjoni ddettaljata tar-Rapport Finanzjarju.

3.04 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju.

3.05 Il-Viċi Sindku ssekondah.

3.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.07 L-Accountant ġiet skużata fis-2.45p.m.

**5. Proġett – It-tieni fażi ta' l-aċċessibilita' aħjar in-naħa tal-moll fl-inħawi tal-Lukanda Cavallieri**

5.01 Il-Perit Stephen Farrugia nforma lill-Kunsill li l-permess tal-MEPA fuq **l-ewwel fażi** tal-proġett (kif emendat) ħareġ u jista' jibda x-xogħol la darba jiġi ffirmat il-kuntratt.

5.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li:-

a) jiġi notifikat il-kuntrattur LK Ltd.

b) Il-kuntrattur jinforma lill-Kunsill meta ser jibda l-proġett, liema xogħlijiet għandhom jibdew sa mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu 2013.

c) tinbagħat ittra lil-Lukanda Cavallieri biex jiġu nfurmati li l-proġett ser jibda fi żmien imminenti.

5.03 Il-Kunsill ġie pprezentat bil-pjanta riveduta **għat-tieni fażi** tal-proġett għall-aċċessibilita' aħjar in-naħa tal-moll fl-inħawi tal-Lukanda Cavallieri. Dan kif ġie diskuss fil-Minuti 9/K7/12 datati 27 ta' Novembru 2012; taqsima 8, paragrafu 8.01 – 8.03 (Ara Appendiċi 'C').

5.04 Il-Perit hawnhekk ta spjegazzjoni ddetaljata tat-tieni fażi tal-proġett u għarraf lill-Kunsill li l-istima approssimattiva hija ta' €226,799.00.

5.05 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li:-

a) Il-Kunsillier Alex Grech jinforma lir-residenti li ser issir laqgħa nformali fil-preżenża tal-Perit u tal-Kunsill biex tiġi spjegata l-pjanta riveduta tal-proġett. Għalhekk ser tingħata ittra lill-Kunsillier Alex Grech, wara li jagħti l-informazjoni meħtieġa lill-Amministrazzjoni tal-Kunsill dwar din il-laqgħa, biex din tingħata lill-residenti.

b) Jekk ma jkunx hemm oġġezzjonijiet il-perit jkompli bil-proċedura sabiex japplika għall-permessi tal-MEPA u permessi oħra meħtieġa.

c) La darba jinħarġu l-permessi ma jitkomplix il-proċess qabel il-Kunsill ikollu l-finanzjament biex ikun jista' isir il-proġett.

d) Il-Kunsill jipprova jara minn fejn jista' jingħata l-finanzjament.

e) Tinbagħat ittra lid-Dipartiment tax-Xogħolijiet minħabba li nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-moll ta' ħdejn il-Banis għandu bżonn jiġi ċċekjat peress li kollu maqsum.

5.06 Il-Perit ġie skużat fit-3.05p.m.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 392 | Email mingħand il-MEPA rigward ix-xogħlijiet ta' Ġnien Saver Zarb. |
| 444 | Talba mingħand il-Kuntrattur Raymond Attard rigward il-ġbir ta' skart. |
| 492 | Email mingħand il-Kunsilliera Irene Borg biex tiskuża ruħha mill-attendenza tal-laqgħa ta' Marzu. |
| 509 | Nota mingħand is-Sur Alex Pace Gouder dwar ix-xiri tal-gazzetti fil-weekend biex jingħata l-konferma li jista' jippreżenta l-kont kull xahar minħabba l-proċeduri. |

663 Email mingħand il-Malta Planning & Design Consultants rigward ir-resurfucing ta' Triq Claire E. Engel.

683 Email mingħand it-Transport Malta rigward Triq Sebuqa kantuniera ma' Triq Claire E. Engel.

802 Email mingħand il-Government Property Division rigward spezzjoni fl-area tax-Xatt ta' Spinola.

873 Ammont dovut mill-kawża tar-Ryan's.

871 & 895 Talbiet mingħand Le Meridien għal Loading / Unloading bay, Lighting/Alighting bay u jsiru parking bays għar-residenti n-naħa l-oħra tat-triq.

901 Ittra mingħand l-Għaqda tal-Armar Balluta rigward il-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa.

K246, 923 & K267 Korrispondenza rigward servizz addizzjoni għall-Ġbir ta' Skart Domestiku

961 Talba mingħand il-Kunsilliera Irene Borg rigward xogħlijiet fi Triq William Hardman.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif Nru: 392**

2.02 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-MEPA rigward ix-xogħlijiet ta' Ġnien Saver Zarb. Il-Kunsill ġie nfumat li ser jingħata l-fondi biex ikun jista' jiġi rranġat il-ġnien. Għaldaqstant il-Perit qed jipprepara l-*bills of quantity* biex jinħareġ avviż għall-kwotazzjoni.

**Rif Nru. 444**

2.03 Saret riferenza għat-talba mingħand il-Kuntrattur Raymond Attard rigward talbiet li ressaq b'konnessjoni mal-ġbir ta' skart. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li:-

a) It-tbattil tal-bins jagħmlu parti mill-kuntratt tiegħu.

b) Nhar ta' Ħadd il-Kunsill ma joffrix servizz ta' ġbir ta' skart domestiku.
c) Is-Sur Raymond Attard m'huwiex il-kuntrattur tat-tender tal-Ġbir ta' Skart Domestiku u peress li l-kuntratt tal-ġbir ta' skart domestiku għandu miegħu marbutin it-tipping fees, il-Kunsilliera m'għandhomx iġiegħluh jiġbor l-iskart li jinħareġ ġo Paceville u l-madwar jew li jġiegħluh jiġbor xi skart domestiku li jinħareġ wara l-hin.

d) Il-Kunsill ma jistax iħallas ammont aktar minn dak li jingħata fl-allokazzjoni għat-tipping fees.

e) Il-Kunsill ma jistax jilqa' it-talba li saret li l-s-Sur Attard jingħata kumpess.

**Rif Nru. 492**

2.04 B'riferenza għall-email mingħand il-Kunsilliera Irene Borg, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li hi tkun skużata għal-laqgħa ta' Marzu 2013.

**Rif Nru. 683**

2.05 Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta rigward Triq is-Sebuqa kantuniera ma' Triq Claire E. Engel. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta u ġie deċiż li tintgħalab laqgħa *'on site'* mal-Perit Lucienne Stafrace.

**Rif Nru. 871 & 895**

2.06 Saret riferenza għat-talbiet mingħand Le Meridien għal Loading/Unloading bay, Lighting/Alighting bay u li jsiru parking bays għar-residenti n-naħa l-oħra tat-triq. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dawn it-talbiet. Dment li japplika hu għall-permessi meħtieġa tat-Transport Malta u li jsiru għas-spejjez tiegħu.

**Rif Nru. 901**

2.07 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda tal-Armar Balluta rigward il-Ġimgħa Mqaddsa. Ġie deċiż unanimament li fil-pubblikazzjoni ta' l-Għaqda jingħata spazju għal valur ta'

€100.00 biex il-Kunsill jagħti l-awguri lir-residenti għal żmien l-Għid il-Kbir.

**Rif Nru. K246, 923 & K267**

2.08 Saret riferenza għall-Muniti 11/K7/13 taqsima 2 paragrafu 2.15 (fejn ġie deċiż li tinħareġ sejħa għall-offerti biex nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa jinġabar l-iskart domestiku tal-borża s-sewda) u għall-korrispondenza rigward servizz addizzjonali għal Ġbir ta' Skart Domestiku. Il-Kunsill ġie nfurmat li biex jinħareg u jitkompla l-proċess ta' l-offerti, il-Kunsill irid ikollu l-fondi disponibbli biex ikun jista' jingħata dan is-servizz. Inġibdet l-attenzjoni li għal perjodu ta' sentejn u nofs hemm bżonn madwar €95,000.00 (€3167 fix-xahar). Kien għalhekk li ntbagħtet ittra lill-Ministru għat-Turiżmu, il-Kultura u l-Ambjent, l-Onor. Dr. Mario Demarco, u lill-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali l-Onor. Perit George Pullicino b'talba biex jiġi kkunsidrat li l-Kunsill jingħata l-finanzjament sabiex ikun jista' joħrog is-sejħa għall-offerti.

2.09 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li għalissa jitkompla l-proċess għas-sejħa ta' l-offerti u jekk sakemm jagħlaq it-tender il-Kunsill ma jingħatax il-finanzjament biex ikun jista' jħaddem it-tender, jieqaf il-kumplament tal-proċess tat-tender u dawk li jkunu ġabru t-tender jingħataw il-flus lura.

**Rif Nru 961**

2.10 B'riferenza għat-talba mingħand il-Kunsilliera Irene Borg rigward xogħolijiet ta' *resurfacing* fi Triq William Hardman. Il-Kunsill ġie nfurmat li din it-triq qiegħda fuq il-lista ta' batch 2 biex isir ir-resurfacing tat-toroq. Filwaqt li l-istima tat-triq hija ta' €40436.09. F'dan l-istadju ġie deċiż li fejn hemm il-parking bays isir bil-konkos filwaqt li għalissa jsir il-patching bil-cold asphalt.

**4. Aġġornament – Upgrading of Open Areas within Housing Estate (Titjib ta' Żoni Esterni f' Housing Estate) ta' Ta' Ġiorni, San Ġiljan**

4.01 B'riferenza għall-Minuti 11/K7/13 taqsima 5 paragrafu 5.03, il-Kunsill ġie ppreżentat bil-minuti tal-laqgħa (Ara Appendiċi 'D').

4.02 Wara diskussjoni qasira l-Viċi Sindku ppropona li t-tender jingħata lis-Sur Ludwig Dimech f'isem LK Ltd.

4.03 Iċ-Ċermen issekondah.

4.04 Iċ-Ċermen għadda din il-mozzjoni għall-votazzjoni fejn erba' Kunsilliera vvutaw favur. Dawn huma ċ-Ċermen Peter Bonello, Il-Kunsillier Anthony Grech, Il-Viċi Charles Camenzuli u l-Kunsillier Alex Grech.

4.05 Il-Kunsillier Richard Scicluna vvota kontra.

4.06 Tlett Kunsilliera astjenew. Dawn huma l-Kunsillier Norman Vella, Il-Kunsillier John Agius, il-Kunsilliera Irene Borg.

4.07 Din il-mozzjoni għaddiet.

4.08 Ġie deċiż unanimament li:

a. Tinbagħat ittra lill-Kuntrattur biex jiġi nfurmat li m'huwa ser isir l-ebda pagament qabel ma l-Kunsill ikun sodisfatt bix-xogħol.

b. Il-Kunsill jiġi nfurmat qabel ma x-xogħol jiġi ċċertifikat mill-Perit.

## 6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazjoni (Ara Appendiċi 'E').

6.02 Il-Viċi ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3310 sa 3338 u minn Nru. 3350 sa 3366 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ' F' u 'G').

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3310 sa 3338 u minn Nru. 3350 sa 3366.

7.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8 Materji Oħra**

8.01 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li għal kejl tax-xogħol rigward ir-repair & upkeep (Ara Appendiċi 'H') ħadd mill-kunsilliera ma attenda.

8.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li fil-Kumpless Dun Anton Scibberas qed isiru xi xogħolijiet mill-ħaddiema tal-IPSL. Dawn qed jirranġaw il-ħajt tad-dawra tal-kumpless, l-bandla l-imkissra kif ukoll il-grada. Il-Kunsill qed joħroġ biss l-ispejjeż tal-materjal.

8.03 Iċ-Ċermen għan-nom tal-Kunsill irringrazzja lill-Kunsilliera Irene Borg għall-inizjattiva.

8.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li rigward talbiet għal dawl ġdid kemm *wall hung* kif ukoll *central hanging,* ma' kull talba li ssir irid jiġi pprovdut lill-amministrazzjoni ritratt li juri l-area u l-post fejn qed issir it-talba biex teħel il-bozza u *site plan* immarkata. Dan il-matejal għandu jiġi pprovdut minn min ikun qed jagħmel it-talba. Fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni neċessarja ma tkunx tista tintbagħat l-applikazzjoni.

8.05 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fir-rigward l-inċident li kien sar f'Settembru 2012 in-naħa tal-Bring-in-Sites tal-Balluta (Ara Appendiċi 'I') ntbagħtet stima ta' €590 lill-persuna li kellha l-inċident. Iżda dan oġġezzjona. Ġie deċiż unanimament li tiġi rtirata din it-talba peress li l-Kunsill jidhirlu li l-ħsara li hemm ma saritx bl-inċident.

8.06 Il-Kunsill ġie nfurmat li: -

a) It-tender għall-manutenzjoni tas-sinjali u marki tat-toroq għalaq illum it-Tlieta 26 ta' Frar 2013 u ser jinbagħat lill-MP&DC għall-evalwazzjoni.

b) It-tender tal-magazine jagħlaq fit-12 ta' Marzu 2013 fl-10.30a.m.

c) It-tender għad-tiżjin tad-dawl dekorattiv għal żmien il-Milied jagħlaq fis-22 ta' Marzu 2013.

d) Ser jinxtara x-xorb li kien insteraq fis-serqa ta' Diċembru 2011 biex ikun jista' jingħalaq il-*claim* li kien sar ma' l-Island Insurance Brokers.

8.07 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu 2013 fis-2.00p.m.

8.08 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil-5.00p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**